# ĠANNI DARMANIN
# Mitejn sena mit-twelid tiegħu

*Kitba ta' Joseph C. Camilleri* BA, DEAM, M.Ed (Pl & Mgt)

## Mitejn sena mit-twelid tiegħu

Il-knejjes Maltin, sew dawk parrokkjali u sew dawk konventwali, kienu dejjem sors ewlieni biex l-iskultur Malti jsib ix-xogħol. Għall-ewwel il-vari bdew isiru mill-injam iżda fis-seklu 19 bdiet dieħla sewwa l-kartapesta. Dan il-materjal kellu żewġ vantaġġi ewlenin fuq l-injam. L-ewwel ħaġa kien il-prezz. Vara tal-kartapesta kienet ferm irħas minn dik tal-injam. It-tieni, hemm il-piż tal-vara: vara tal-injam hija ferm itqal minn dik tal-kartapesta. Familja li spikkat fil-ħolqien tal-vari tal-kartapesta kienet il-familja Darmanin, familja mill-Isla. Ġużeppi Damanin waqqaf ditta ta' xogħlijiet tal-irħam bl-isem ta' Giuseppe Darmanin e Figli. Horatio Caesar Roger Vella kiteb hekk fl-artiklu tiegħu dwar il-familja Darmanin: "Minn din il-kumpanija, Karlu Darmanin kien l-aktar li ħadem u li ismu spikka, u kien ukoll dak li influwenza lil ħutu u lil neputih, Ġlormu Darmanin."[1] Wieħed mill-aħwa Darmanin, Ġanni, ħadem bħala marmista fil-ħanut ta' missieru iżda ħalla wkoll numru ta' vari u statwi għat-tiżjin tat-toroq."



*Giovanni Darmanin*

## Ġanni

Meta Ġużeppi u Marija (imwielda Cumbo) iżżewġu, marru joqogħdu fil-belt Valletta. Waqt li kienu qed jgħixu l-belt twieldu tmien[2] ulied, il-ħamsa l-oħra twieldu l-Isla. Ġanni kien is-sebà wild u naturalment twieled fil-belt Valletta, nhar it-3 t'April, 1817. Ġie mgħammed l-għada fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu mill-kanonku Dun Pawl Borg, li kien il-vigarju kurat. Semmewh Ġanni Pawlu, Lwiġi, Pietru, Baskal u Rużar. Għalkemm ġie msemmi Ġanni Pawlu, kien magħruf sempliċiment bl-isem ta' Ġanni. Bħala parrini kellu lil Antonju Schembri, bin Alessandru u Ġwanna Farrugia, mart Mikiel mill-belt Valletta. Il-familja Darmanin telqet mill-belt Valletta u marret toqgħod fl-Isla fl-1822 jew ftit qabel għaliex f'din is-sena kien twieled Filippu li ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' Marija Bambina tal-Isla.

L-ulied bdew jaħdmu mal-missier, naturalment fil-ħanut tax-xogħol tiegħu li kien ukoll fl-Isla. Hawn komplew fuq ix-xogħol tal-missier bħala marmista u xi opri fl-irħam bdew jidhru b'isem id-ditta ta' *Giuseppe Darmanin e Figli*. Minkejja li kien hemm tliet subien li twieldu qabel Ġanni, milli jidher l-ikbar għajnuna għall-missier kien Ġanni. Skont l-istudjuż tal-istorja Patri Alessander Bonnici, "...fi żmien qasir, Ġanni beda jieħu r-responsabbiltà prinċipali għal-lavuri fl-irħam."[3] Barra li kien imexxi x-xogħlijiet li kienu jsiru fil-ħanut tax-xogħol ta' missieru, Ġanni kien jagħmel ukoll xogħol ta' restawr fuq opri tal-irħam. Meta ħalla x-xogħol Ġużeppi ħalla t-tmexxija f'idejn Ġanni. Hu kien imfittex ukoll għad-disinji tal-pavimenti sew tal-knejjes u sew tad-djar privati.

## Ħajtu

Billi Ġanni ħalla l-belt Valletta ta' ħames snin, ma kinetx diffiċli għalih li jgħix f'din il-belt ġdida. Meta kiber, daħal fratell mal-Fratellanza tat-Trinità. Ta' 22 sena żżewweġ lil Marija Tereża Fleri, bint Stiefnu u Evanġelista Ellul. Marija Tereża li kienet Ġirbija, kienet tewmija ma' Eliżabetta. Din twieldet fit-13 ta' Jannar, 1824 jiġifieri kienet 7 snin ikbar minn

1 Vella, HRC., Ġanni Darmanin u l-Istatwa tal-Madonna tal-Ġilju tal-Imqabba wara mitt sena minn mewtu 1908-2008, Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, Mqabba. 2009.

2 L-ulied tal-familja Darmanin li twieldu fil-belt Valletta kienu – Emanuela (c.1806), Vinċenz (1808), Salvu (c.1808), Marija (1810), Mikiel (1812), Karmena (1814) li mietet ta' għaxar xhur, Ġwanni Pawlu – l-iskultur u marmista (1817), Beatrice (1819). L-ulied li twieldu l-Isla kienu – Filippu (1822), Pietru Pawl (1823), Marija Karmena (1823), Karlu (1825) u Madalena (1829). Aqra Horatio Caesar Roger Vella, Ġanni Darmanin u l-istatwa tal-Madonna tal-ġilju tal-Imqabba, Soċjetà Mużikali Madonna tal-ġilju, Mqabba, Malta, Festa 2016.

3 footnote:
Bonnici A., Ġrajjiet Beltna, Ġanni Darmanin (1817-1908) Marmista u Statwarju li ħabb lill-Isla, Leħen il-Parroċċa, Sett/Ott, 1998, Nru 67.

Ġanni. Hi tgħammdet l-għada mill-arċipriet Salvu Fenech fil-knisja arċipretali tal-Birgu.

Iż-żwieġ seħħ fil-5 ta' Mejju 1839 fil-knisja arċipretali tal-Birgu. Minn dan iż-żwieġ twieldu ħdax-il tarbija. L-ulied li twieldu fl-Isla kienu Emanuela (1840), Stiefnu (1842), Marija Karmela (1844), Ġużeppi (1846), Mikiel Anġlu (1848), Marija Anna (1851), Marija (1853) li mietet ta' ftit xhur u Marija (1854). L-ulied li twieldu waqt li l-koppja Darmanin kienu jgħixu fil-Birgu kienu Lawrenz (1856), Marija Konċetta (1859) u Alfons Marija (1863).

Għall-ewwel Ġanni u Marija Tereża bdew joqogħdu f'dar il-ġenituri ta' Ġanni, fl-Isla, iżda fl-1856 jew qabel, huma ħallew l-Isla u marru joqogħdu fil-Birgu. Wara żmien twil fil-Birgu l-familja marret toqgħod ir-Rabat, sewwa sew fi Triq il-Buskett (illum Triq Borg Olivier), viċin il-Knisja ta' San Duminku. Dan seħħ wara l-mewt ta' Marija Tereża li ġrat fl-14 ta' Marzu 1893 fil-Birgu. Meta Ġanni tela' r-Rabat sar fratell tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju. Hu miet ta' 92 sena fl-4 ta' Diċembru 1908 fid-dar tiegħu r-Rabat. Hu ġie midfun f'qabar numru 6 tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju fil-knisja ta' San Duminku r-Rabat. Billi Ġanni għex żmien twil ħafna, kellu jara ħafna inkwiet u mrar f'ħajtu. Barra l-mewt tal-mara, erbgħa mill-ħdax uliedu mietu qablu. Dawn kienu Emanuela (1892), Marija Karmela (1844), Ġużeppi (1864), Marija (1853) u Lawrenz (1875).

## Xi xogħlijiet fl-irħam

L-aħwa Darmanin baqgħu jaħdmu flimkien. Wieħed biss ħallihom. Dan kien Karlu jew Karlozz. Ħafna xogħlijiet li għaddew minn idejn dawn l-aħwa Darmanin, kellhom id-disinji magħmula minn Ġanni. Anke t-tmexxija tax-xogħol fl-irħam kien taħt Ġanni. Dun Ġużepp Micallef, meta kiteb l-istorja ta' Ħal Luqa, qal li l-artal maġġur tal-knisja parrokkjali ta' Sant'Andrija nħadem mid-Ditta tal-aħwa Darmanin fuq disinn li kien ħejja Ġanni. Dan l-artal spiċċa waqt ħbit mill-arju matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Dan ifisser li Ġanni kien jinqala' biex jiddisinja xi kummissjoni li kellha tinħadem fl-irħam. Patri Alessander Bonnici kiteb hekk fuq dan l-altar: "Hareġ biċċa xogħol tassew sabiħa li ġiet imfaħħra sew għad-disinn kemm għall-irħam minn ħafna li kien jifhmu fl-arti."

Waħda mix-xogħlijiet fl-irħam tal-aħwa Darmanin hi l-vaska tal-irħam li tinsab fis-sagristija tal-Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla. Din saret meta Ġanni kellu 61 sena. Għall-Bażilika tal-Isla l-aħwa Darmanin għamlu wkoll l-artal tat-Trinità (1853), artal li kien ċertament importanti għal Ġanni billi hu kien fratell f'din il-fratellanza.

Ġanni Darmanin ipprepara disinji għall-pavimenti tal-irħam għal xi knejjes. Waħda minn dawn il-knejjes kienet il-knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-belt Valletta. Ħadem ukoll id-disinji tat-tliet knejjes tal-Birgu – San Lawrenz, il-knisja parrokkjali; il-Lunzjata (magħrufa aktar bħala ta' San Dumniku) u Santa Skolastika. Għall-aqwa knisja tad-Djoċesi - il-katidral ta' San Pawl, Ġanni ħadem ukoll id-disinji tal-paviment tal-Oratorju. Hadem ukoll id-disinn tal-paviment tal-Matriċi t'Għawdex. Fuq disinn ta' Ġanni, l-aħwa Darmanin ħadmu għall-Isla l-pavimenti sew tal-Kolleġġjata ta' Marija Bambina u sew tal-knisja ta' Portu Salvu. Naturalment ħadmu wkoll fi djar privati. Kienet moda f'dawk iż-żminijiet, li l-intrata u anke l-kontraintrata kienu jinksew b'art tal-irħam. Jekk il-familja kienet tat-tajjeb, kienu jiksu bl-irħam l-ewwel kamra li aktarx kienet tkun il-kamra tas-salott. Ġanni u ħutu ħadmu wkoll lapidi u kitbiet fuq l-irħam.

## Statwi tal-kartapesta għat-toroq

Skont Patri Alessander Bonnici, fost l-ulied ta' Ġanni, waħda kienet taħdem fil-ħanut tax-xogħol tiegħu jew fil-ħanut tan-nannu Ġużeppi fl-Isla. Din kienet Marija. Din kienet it-tmien wild tal-koppja Ġanni u Marija Tereża Darmanin. Hi twieldet fl-14 ta' Awwissu 1854 u tgħammdet fl-istess jum tat-twelid tagħha. Il-parrini tagħha kienu Karlu, l-iskultur l-aktar magħruf tal-familja Darmanin u martu Annetta. Dwar Marija, darba waħda Ġanni kien qal lill-kittieb Castagna li bintu kienet tinqala' daqsu. Marija kienet tgħin lil missierha fl-istatwi tal-kartapesta li kienu jżejnu t-toroq fil-jiem tal-festa. L-aktar li ħadem kienu għall-festi tal-Birgu – jiġifieri għall-Kolleġġjata ta' San Lawrenz u għall-patrijiet Dumnikani.

Ħadem ukoll statwi għall-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla, għall-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, għall-festa ta' San Ġużepp f'Ħal Kirkop u dik ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi. Horatio Caesar Roger Vella tana lista ta' dawn l-istatwi li saru għall-festi fil-Birgu. Insibu statwi ta' San Lawrenz mal-Papa Sistu u suldat, il-Beatu Alvaru, San



*L-istatwa tal-Papa Sistu ma' San Lawrenz u suldat*

Orenzju, San Paċenzja, San Duminku, San Tumas t'Akwinu, San Vinċenz Ferreri, il-Beata Giovanna D'Aza, San Pietru Martri (Patri Dumnikan), San Ġwann (Patri Dumnikan), Santa Katarina ta' Siena, Santa Marija Madalena, il-figuri tal-Karità u Tama, San Piju V, u l-Gran Mastru Jean de Valette. Hafna minn dawn l-istatwi sabu t-tmiem tagħhom waqt xi attakk matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Ġanni Darmanin u ħutu ħadmu wkoll għall-gvern kolonjali, il-gvern Ingliż li kien qed imexxi lil Malta. Waħda mix-xogħlijiet kien il-bust tat-Tabib Lwiġi Pisani li jinsab fil-Mall il-Furjana. Hadmu wkoll sensiela tal-armi rjali Ingliżi li jinsabu fil-Palazz il-Belt, fuq il-Bieb il-Bombi (Porte des Bombes), fil-Barrakka, is-Suq u f'xi postijiet oħrajn. Dawn l-armi kienu mezz ta' twissija lill-poplu Malti li Malta kienet kolonja Ingliża. Jekk tasal wasla sal-belt Valletta tinnota kemm hemm armi rjali Ingliżi. Iżda l-aqwa armi tneħħew meta l-bieb ewlieni tal-belt twaqqa' biex tela' bieb usa' u llum anke dan il-bieb twaqqa'.

## Il-vari

Jekk Ġanni kien il-persuna li mexxa lil ħutu fix-xogħlijiet tal-irħam, Karlu (magħruf ukoll bħala Karlozz) mexxa d-dinastija Darmanin fix-xogħlijiet tal-vari tal-kartapesta[4]. Ġanni ħoloq xi vari għall-knejjes ewlenin tal-Birgu. Wieħed irid jifhem li dan l-artist għamel żmien jgħix il-Birgu fejn kellu diġà sieq permezz taż-żwieġ tiegħu ma' Ġirbija. Fil-Birgu, sewwa sew fil-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz insibu l-vara tal-Madonna tal-Karità. Din il-vara fiha l-firma ta' Ġanni. Horatio Caesar Roger Vella kiteb: "Hdejn saqajn din l-istatwa wieħed għadu jara l-firma ta' Ġanni Darmanin." Din il-vara qed tintuża llum bħala l-vara tal-Madonna tar-Rużarju.

Hu ħoloq ukoll vara ta' Santu Rokku għall-knisja parrokkjali tal-Birgu u oħra ta' San Duminku. Din il-vara ta' San Duminku kienet fil-kunvent tad-Dumnikani tal-Birgu. Il-figura tar-Redentur tas-sett vari tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Birgu, hija tiegħu wkoll. Din il-vara hija mlibbsa u l-lewn tal-libsa welldet idjoma Maltija – 'ħamra bħar-Redentur tal-Birgu'. Tgħid ma kienx hemm l-id ta' Ġanni fl-għażla tal-libsa tar-Redentur? Ġanni ħoloq ukoll il-figura tal-Anġlu għall-vara tal-Ort. Din il-figura tkissret matul it-Tieni Gwerra Dinija u wara saret figura oħra, xogħol Abram Gatt. Hadem ukoll it-tliet figuri tal-Vara l-Kbira għas-sett tal-vari taż-Żejtun. Dawn kienu l-figuri tal-Madonna, San Ġwann u Marija Madalena. Ħadem ukoll il-vara tal-Madonna tal-Ġilju għall-parroċċa tal-Imqabba.



*Il-vara tal-Madonna tal-Ġilju kif għamilha oriġinarjament Darmanin.*

## Il-vara tal-Madonna tal-Ġilju

Il-vara tal-Madonna tal-Ġilju[5] li tinsab fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba, hija kkonsidrata minn ħafna kittieba bħala waħda mill-aqwa xogħlijiet li ħallielna Ġanni Darmanin. Din il-vara waslet fl-Imqabba fil-21 ta' Mejju, 1876, meta Ġanni kellu 59 sena. Ġiet ordnata fuq inizjattiva ta' Innoċenz Zammit u ordnata bħala vara tal-Madonna tal-Ġilju u mhux tal-Kunċizzjoni. L-iskop tagħha kien, fil-kliem

4 Id-Dinastija Darmanin, fejn tidħol vari, tat lil Karlu, Ġanni u Ġilormu. Hemm membri oħra bħal Marija Darmanin, bint Ġanni, li kienet tgħin lil missierha fix-xogħol tal-kartapesta. Billi ma nafu xejn dwar xogħolha, ma nistgħu ngħidu xejn fuq ix-xogħol li ħolqot hi.

5 Ara l-ġurnal Corriere Mercantile Maltese (8-5-1876) u La Generazione (8-6-1876).



*Il-Madonna tar-Rużarju.*



*L-istatwa ta' San Duminku*

ta' Horatio Caesar Roger Vella, "...biex din l-istatwa, meta titlesta, titqiegħed f'niċċa fil-kappellun tal-Kunċizzjoni." [6]

F'din il-vara naraw l-influwenza ta' ħu Ġanni, Karlu. Il-ħarsa tal-Madonna hija mmirata lejn l-art, ħaġa li rajnieha wkoll fil-vara ta' Ġanni Darmanin tal-Madonna tal-Karità. Idejn il-Madonna huma tipikament a la Karlu, l-id il-leminija fuq sidirha u taħtha hemm l-id ix-xellugija. Id-dinja ta' taħt il-Madonna hija miksija bis-sħab. Is-serp u t-tuffieħa jinsabu wkoll imdaħħlin fil-vara, simboli tal-Immakulata Kunċizzjoni. Id-drapp, sew il-libsa u sew il-mantell huma fuq stil imperjali. Ix-xagħar jaqa' minn fuq ras il-Madonna hu simbolu ta' tjubija u verġinità. Is-sieq ħierġa minn bejn il-ħwejjeġ tagħti moviment lill-figura.

L-anġlu hu kważi għeri ħlief għall-biċċa drapp. Il-ħarsa tiegħu hija wkoll lejn l-art. L-anġlu hu r-rabta bejn is-sema u l-art, bejn Alla u l-bniedem. Il-Ġilju tinsab f'post ewlieni iżda b'tali mod li mhux tgħatti wiċċ l-anġlu. Dan il-pass hu ferm importanti għaliex tagħti importanza kbira lill-figura tal-anġlu. Il-vara fiha xogħol importanti anke fuq il-parti ta' wara. Il-velu jinsab jgħatti parti mir-ras u fl-istess ħin jaqa' fuq wara b'sengħa kbira artistika. Parti mix-xagħar ukoll jaqa' fuq wara. Dawn il-ħwejjeġ juru li mhux vera l-vara kellha timla n-niċċa. Li kieku kellha postha biss fin-niċċa, kieku Ġanni Darmanin ma kienx jagħti importanza daqshekk lill-parti ta' wara. F'moħħ l-artist u f'moħħ Innoċenz Zammit kien hemm bilfors l-idea ta' vara għall-purċissjoni[7].

## Xi kummenti dwar ix-xogħol ta' Ġanni Darmanin

### *Il-vara tar-Redentur*

Il-figura tar-Redentur hija waħda tradizzjonali. Milli jidher Ġanni kellu jimxi fuq il-vara l-aktar popolari tar-Redentur, dik tal-Isla[8]. Naraw lil Kristu qed jipprova jqum mill-waqgħa. Wiċċu qed iħares

6 Vella op cit p 43.

7 Meta saret il-vara ta' San Pietru u San Pawl għall-knisja parrokkjali tan-Nadur, l-artist ħadem fuq il-parti ta' quddiem u ħalla kollox lixx fuq wara għaliex hu ħaseb li l-vara kellha tkun għal xi niċċa.

8 Il-vara tal-Isla kienet diġà magħrufa fl-1762 meta L-isqof Rull ħareġ id-digriet li permezz tiegħu ta indulġenza lil kull min jgħid il-Kredu quddiem il-vara. Ara T Terribile, Teżori fil-Knejjes Maltin – Il-Birgu u l-Isla, Pubblikazzjoni Indipedenza, Malta, 2006. p 218

lejn l-art biex il-figura tkun tħares lejn min qed iħares lejha peress li fil-knisja tkun fuq bankun u waqt il-purċissjoni tkun fuq spallejn ir-reffiegħa. Waħda mill-idejn qed isserraħ fuq blata għolja. Din hija simbolika. Kristu qed jipprova jqum biex ikompli l-mixja Tiegħu lejn il-Kalvarju. L-għolja hija ħadd ħlief aħna l-midinbin. It-toqol tas-salib jiżdied permezz tal-għolja żgħira. Sieq waħda qed terfa' l-piż tas-salib u s-sieq l-oħra hija mixħuta tul l-art. Din hija wkoll simbolika u tfisser li Kristu kien baqagħlu jimxi biex jilħaq l-għolja tal-Kalvarju – Kristu kellu jbati aktar biex jifdina.

## *Il-Madonna tal-Karità*
## *(illum il-Madonna tar-Rużarju)*

Il-Madonna tal-Karità hija vara ta' figura ta' omm. Il-ħarsa tagħha hija lejn l-art u din tfisser umiltà. Anke kif il-figura tal-Bambin qed jinżamm mill-Madonna turi l-umiltà. Għalkemm il-Madonna hija l-ikbar figura, iċ-ċentru tal-vara hu Kristu. Kristu jinsab ibierek. Ma hemmx rabta bejn il-Bambin u l-Madonna. Min-naħa l-oħra, idejn il-Madonna juru l-imħabba u l-attenzjoni li wieħed jorbot mad-dinja tal-omm. Id waħda qed iżżomm lill-Bambin u l-id l-oħra qed toffrilu protezzjoni, aktar u aktar li Ġesù moħħu fin-nies. L-ilbies tal-Madonna hu wieħed xi ftit goff. Minkejja dan xorta waħda hemm is-sieq li toħroġ mill-ħwejjeġ. Din il-mossa tagħti lill-vara dik il-moviment li jikser xi ftit is-serenità tal-figura materna. Il-figura tal-Bambin hija tipika tarbija ta' xi sena jew sentejn, mimlija ħajja u moviment. Qisu l-Bambin ma għandux kwiet f'ġismu. Bejn iż-żewġ figuri hemm kuntrast kbir. Dan il-kuntrast ikabbar is-serenità tal-Madonna u l-movimenti tal-Bambin. Din hi xogħol tas-sena 1879 (Ġanni kellu 62 sena).

## Il-Vara l-kbira taż-Żejtun

Ġanni ħadem it-tliet figuri tal-Madonna, San Ġwann u l-Madalena ta' din il-vara. It-tqassim tal-vara huma tassew tajjeb. Fuq naħa hemm il-figura tal-Madonna u fuq in-naħa l-oħra hemm San Ġwann u l-Madalena għarkupptejha fl-art. Fuq naħa hemm il-Madonna li hija s-simbolu tal-ħajja divina li hija ppreżentata minn Kristu fuq is-salib u fuq in-naħa l-oħra hemm il-bniedem. Il-Madalena moħħha f'Kristu waqt li San Ġwann moħħu fil-Madonna. Il-figura ta' San Ġwann qiegħda tilqa' lill-Madonna f'dinja ta' maternità ġdida, omm tal-bniedem kollha, bilanċ kbir bejn il-figuri tal-Madonna u San Ġwann. Il-Madonna issa saret omm il-bniedem, omm il-Knisja. Dawn it-tliet figuri huma kkonsidrati wkoll fost l-aqwa xogħol ta' Ġanni Darmanin. Ħaġa li tispikka hija l-ħarsa tal-Madalena. Wiċċ il-Madalena jinsab iħares 'il fuq. Din il-figura tippreżenta lilna, nies li twilidna fid-dnub tan-nisel, nies li faċli naqgħu fid-dnub.



*Id-dulur ta' Marija mill-vara l-kbira taż-Żejtun*

## Il-kumment tal-Patri Bonnici

Patri Bonnici kiteb li: "Ġanni ma hux magħruf daqs kemm jistħoqqlu." Dwar bintu, Bonnici jgħidha ċar u tond: "Bintu Marija kienet sfortunata iżjed minnu. Ma nafux li hi ħadmet xi statwi wara l-mewt ta' missierha u s-sehem eżatt tagħha fl-istatwi ta' Ġanni qatt ma kien magħruf."

Jien naqbel ma' dawk li kiteb Patri Alexander Bonnici. Ix-xogħlijiet ta' Ġanni Darmanin huma ftit li xejn magħrufin. L-aktar xogħol magħruf hija l-vara tal-Madonna tal-Ġilju. Għar minnu hija Marija bintu. Ma nafux sewwa sehem kellha din Marija. Liema xogħlijiet kienet imdaħla fihom. Jekk għamletx xogħlijiet weħida mingħajr id-daqqa tal-missier. Min-naħa l-oħra jekk wieħed jħares lejn il-vari tal-Ġilju u dik tal-Karita wieħed jinduna l-ħila ta' dan l-artist kbir. Hemm influwenza ta' ħuħ Karlu iżda kull xogħol ewlieni li ħareġ minn id Ġanni hu uniku, maħdum bis-sengħa u mimli b'simboli li bihom iwaslu lin-nisrani lejn aktar għarfien tal-fidi. Nappella biex is-Soċjeta tal-Ġilju flimkien mal-parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu jaħdmu id f'id biex xi darba l-vari tal-Ġilju u tal-Karita jidhru fuq xi sett tal-bolol, xi sett tal-Milied. Ta' min jgħid li l-kunċizzjoni u l-Milied għandhom rabta kbira u għalhekk dawn iż-żewġ vari jkun idejal fuq sett tal-Milied. Ġanni Darmanin ħaqqu jkun magħruf u apprezz aktar minna l-Maltin.

**Referenzi:**


Bonnici A, Minn Ġrajjiet Beltna (61) Ġanni Darmanin (1817-1908) Marmista u Statwarju li Ħabb lill-Isla, L-Isla Leħen il-Parroċċa, Settembru/ Ottubru 1998, Nru 67.

Vella H.C.R, Ġanni Darmanin u l-Istatwa tal-Madonna tal-Ġilju tal-Imqabba, Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, Mqabba, Malta, Festa 2016.

Terribile T, Teżori fil-Knejjes Maltin, Il-Birgu u l-Isla, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2006.

Terribile T, Teżori fil-Knejjes Maltin, Il-Gudja, Marsaxlokk, Iż-Żejtun, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2003.